

22000D0713(03)

L 174/54

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.7.2000

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 43/2000

tad-19 ta' Mejju 2000

li temenda l-Anness XVIII (Saħħa u Sigurtà fuq ix-Xogħol, Liġi tax-Xogħol u trattament Ugwali għall-Irġiel u n-Nisa) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XVIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 57/1999 tat-30 ta' April 1999 (¹).
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim kwadru fuq ix-xogħol fuq perjodu ta' żmien fiss konkluż mill-ETUC, UNICE u CEEP (²) għandha tīgi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 32 (Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE) fl-Anness XVIII għall-Ftehim:

"32a. **399 L 070:** Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim kwadru dwar xogħol fuq perjodu ta' żmien fiss konkluż mill-ETUC, UNICE u CEEP (ĠU L 175, ta' 10.7.1999, p. 43), kif ikkoreġuta bil-ĠU L 244, tas-16.9.1999, p. 64."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-sejjh nhar l-20 ta' Mejju 2000, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tīgi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

(¹) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

(²) ĠU L 175, ta' l-10.7.1999, p. 43.

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.